MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Numru. 806/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**

**VS**

**AUDRIANNE CALLEJA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Audrianne Calleja, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 473380M.

**Akkuzata talli:**

Matul il-perjodu ta` qabel is-17 ta` Marzu 2013 f'fond, Nru. 2 Querida, Triq in-Naniegh, Marsaskala, ikkommettiet

serq ta` gojellerija ta` lewn abjad u ta` lewn isfar liema serq, li sar ghad-deteriment ta` Sandra Mamo minn Marsaskala, u/jew persuni ohra, kif ukoll huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) imma mhux aktar minn erba` t'elef, disgha u sittax-il ewro u sitta u tletin centezmu (€4,916.36) u bil-persuna;

U aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi xjentement laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom u cioe` oggetti relatati mal-kmamar tal-banju liema oggetti gew minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) imma mhux aktar minn erba` t'elef, disgha u sittax-il ewro u sitta u tletin centezmu (€4,916.36);

U aktar talli fl-istess perjodu ta` zmien u cirkostanzi, approprjat ruhha billi dawwart bi profit ghaliha jew ghall-persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li giet fdata lilha jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minnha u cioe` dan kollu sehh meta hi kienet fdat bil-haga minhabba n-natura tax-xoghol taghha bhala haddiema tal-istess kumpanija **Josies Bathroom**.

**Il-Qorti:**

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u rat il-provi prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni lilha addebitati. It-tieni imputazzjoni u cioe` dik ta` ricetazzjoni qedgha tigi assorbita f'dina l-imputazzjoni kif ukoll hekk qedgha tigi assorbita t-tielet wahda.

Fir-rigward tal-piena, l-Qorti wara li rat l-artikolu tas-serq 281 tal-Ligijiet ta` Malta, temmen li piena karcerarja effettiva m'hijiex lok f'dan il-kaz. Ghalhekk wara li l-Qorti qedgha tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti u cioe`, il-kooperazjoni shiha tal-imputata mal-awtoritajiet investigattivi, l-fall illi r-rifurtiva giet irritornata immedjatament kif ukoll il-fedina penali netta tal-imputata qedgha tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor ghal zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza a tenur tal-Artikolu 21 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------